# il-polz

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

organu tal-moviment qawmien letterarju    marzu 1968 għadd 5

## janus miljard

fil-baħħ ta' żewġ għoljiet tar-ramel
kiesaħ jikwi bis-silġ
neżlin neżlin riġlejja
u magħhom jien
mirdum s'għajnejja
par + par

fuq naħa ż-żifna mperpra toħfor
mal-laħam frak li tiela' u nieżel
jilgħab mal-fewġa fietla lubiena
sal-quċċata

fuq l-oħra għarwien ir-ramel
nieżel jinbaram
ma' l-urugan li fl-art
isabbat l-għolja
f'xaħxiħa mkarkra

id-dlam jersaq malajr
igħatti l-pupilla
bid-dell tal-velijiet... u ħarem jaħraq
ileflef il-għanqud ta' palma xiħa

tqat-t-a-r m'għajnejja l-manna
u jduru l-par il-par iduru jduru

quddiemi l-għolja — oażi jħaddar wara
kastelli mdiehba wieqfa f'Babilonja
fuq naħa l-bust
fuq l-oħra statwi mielħa
xofftejn bix-xemx imfella
xebbiet bl-ulied fil-qabar
ilma niedi ġibda
u ajkla, tħuf fuq l-għatx
ma' Kristu b'sidru mċarrat
ħdejja
b'żewġt irjus
? 'il fejn ?
siparju
...iżd' għada jerġa' jibda...

CHARLES COLEIRO

# attivitajiet tal-moviment

It-tielet sensiela ta' lejliet letterarji ta' taħt is-saqaf seħħet nhar il-**Ġimgħa, 29 ta' Diċembru 1967 f'Palazzo Caraffa, il-Belt,** bħala xhieda li l-polz tal-Moviment qed iħabbat bir-ritmu mistenni. L-għajnuna li l-M.Q.L. raġa' sab mill-grupp "The Wasps" u mill-Presidenza u t-Tmexxija taċ-ċirkolu "Gioventù Cattolica" rifdet qatigħ il-programm li tmexxa minn Charles Coleiro u ġie ppreżentat minn Raymond Mahoney.

Minbarra l-element żagħżugħ li hu kotran fi ħdan il-Moviment, kien il-pjaċir tagħna li nilqgħu lil Dr. Ġorġ Zammit u Ġużè Cardona. Is-sħubija ta' dawn iż-żewġ kittieba magħrufin tikkonfermalna l-fehma li ħidmietna qed tingħoġob u tingħata l-imkien mistħoqq f'Malta tal-lum. Kien il-pjaċir tagħna wkoll illi l-ġurnal ta' kull nhar ta' Ħadd, "It-Torċa," għoġbu jrodd il-premjijiet lis-sitt rebbieħa tal-Konkors Poeżiji li nieda għall-Milied, fil-programm tagħna.

Serata oħra ta' Beat u Letteratura, din id-darba mal-Għaqda Kulturali għaż-Żgħażagħ, saret nhar is-**Sibt, 27 ta' Jannar 1968 f'San Remo, il-Ħamrun.** Għal darb'oħra Raymond Mahoney ippreżenta l-programm li kien organizzat fuq stil ta' "night club" minn Charles Casha. Il-parti mużikali kienet f'idejn il-grupp "Mark 69". Bħas-soltu għadd kbir ta' qarrejja magħrufin ħadu sehem fil-programm. Għal darb'oħra wkoll kellna unur li nilqgħu fostna żewġ blatiet tal-Poeżija Maltija, jiġifieri, Dr. Wallace Ph. Gulia u r-Rev. Peter Serracino-Inglott. Lejliet oħra bħal dawn ġa qed jitfasslu għall-ġejjieni qarib. Tagħrif dwarhom jingħata aktar 'il quddiem.

Nhar is-**Sibt, 17 ta' Frar 1968 fit-Tijatru ta' l-Università**, il-Belt, l-Akkademja tal-Malti organizzat forum "Il-Letteratura Maltija tal-Lum hi wild il-Letteratura Maltija tal-Bieraħ?" Il-Moviment tagħna ħa sehem f'dan il-forum permezz tal-President, Charles Coleiro, u ta' għadd ta' membri oħra. Sadattant, Victor Apap ħa d-direzzjoni tal-programm tagħna "Letteratura u Jazz" fuq ir-Rediffusion, waqt li l-ittri mingħand is-semmiegħa huma mimlijin tifħir u tħeġġiġ.

## l-iskuna tal-ħolm

Fis-swali tal-qamar,
fl-għelieqi ta' Venere
ma terġax iktar
it-tfajla Skandinava.
Sa ninżel insawwab fir-ramel imxarrab
il-wiċċ alabastru
tax-xebba li dammet il-warda ġo xagħarha
sabiħa bħall-ħolm.

Fl-għelieqi ta' Venere
sa ninżel ħa nisgħar
mat-tfajla li tilfet xbubitha
fit-tarf tal-Għadira,
w nistenna li titla'
mgħobbija
biċ-ċedri u l-plejju u l-balzmu
l-iskuna tal-ħolm.

Ninżel — telgħet u niżlet l-iskuna tal-ħolm —
Sa nogħdos
indur f'qiegħ il-baħar
sa nsawwab darb'oħra
il-wiċċ alabastru
tax-xebba tistenna l-iskuna tal-ħolm.

Fis-swali tal-qamar
ma nerġax naqta' fjuri iżjed.

8.9.67

**DANIEL MASSA**

---

## dieqa

nitqalleb f'soddti siekta
nisma' x-xita nieżla
u ġo qalbi dieqa tfawwar
bla ma naf għaliex

ħġieġ żlieġ żlieq u xita
lejla xitwija u xita u xita
u arloġġ għassies fil-kamra
tikk tokk tikk tokk
u d-dieqa f'qalbi tkattar u tiżdied

meta jieqaf l-arloġġ
jew tieqaf ix-xita
forsi tieqaf id-dieqa
meta tieqaf ix-xita
jew jieqaf l-arloġġ

**VICTOR FENECH**

**Bord Editorjali**
**"il-polz"**
Mario Azzopardi — Victor Fenech
— Frans Sammut
**Mitbugħ fl-"Empire Press"**
**Jinbiegħ 6d.**

*Li kieku l-kittieba tal-ġenerazzjoni l-ġdida ma tellgħux il-letteratura Maltija mill-inġazzar ta' l-ilma ta' l-indifferenza li kienet tgħum fih daqs sentejn ilu jew ftit aktar, kieku llum il-letteratura tagħna għadha merfugħa mattrab fuq l-ixkaffi jew għadha titgħawweġ biex issib il-post li jmissha fil-mentalità tal-poplu Malti.*

*Illum il-poplu m'għadux jitnaffar mill-kelma 'letteratura'. Illum l-agħagħa u l-ħamba li kienu jitilgħu kontra l-attentati moderni fil-kamp tari tal-Letteratura tagħna bdew ibattu xi ftit u nistgħu ngħidu li l-proċess intellettwali fil-letteratura l-ġdida ta' pajjiżna beda jitqies bħala xi ħaġa aċċettabbli. Ħafna kienu għażlu li jsejħu dan il-proċess naturali bħala 'ġlieda' bejn l-imħuħ rivoluzzjonarji taż-żgħażagħ u l-konformiżmu akut tal-ġenerazzjoni ta' qabilna. Naċċettawx il-kelma 'ġlieda' jew le bħala riflessjoni rejalistika ta' dan il-kunflitt ta' idejat, hija ħaġa immaterjali. Jibqa' l-fatt li tassew li l-kompatibiltà bejn il-kittieba l-qodma (jekk din hi l-kelma adatta) u dawk żgħażagħ għall-bidu dehret li ma setgħet tinħoloq b'xejn.*

*L-affarijiet qed jieħdu xejra għall-aħjar. Iż-żgħażagħ qed jaraw li ta' qabilhom għerqu l-għaraq tad-demm biex illum il-kittieba l-ġodda jħaddmu l-pinna tagħhom bil-Malti mingħajr ma jaqgħu għar-ridikulaġni: fi ftit kliem sabu l-firxa lesta. Din ħaġa li llum forsi bdiet tiġi rejalizzata aħjar fil-kwartieri żgħażagħ tal-letteratura.*

*Min-naħa l-oħra, l-anzjani bdew jaraw li ikun għalxejn li jfittxu li jitfgħu r-restrizzjoni u l-kundanna f'wiċċ il-ġenerazzjoni li tiegħa. L-idejat tal-kittieba l-ġodda qatt ma jistgħu jaslu biex jikkonformaw ma' tagħhom. Dan ir-riħ tal-bidla ma jistax ħlief jawgura l-ġid lill-letteratura ta' Malta. X'inhu l-valur ta' letteratura f'pajjiż li jibqa' staġnat fl-istess mentalità minn ġenerazzjoni għall-oħra? Min huwa sinċier fl-awgurju għall-mixi 'l quddiem tal-letteratura ta' gżiritna ma jistax ma jaqbilx magħna.*

# għada filgħodu

**(L-ebda mewt ma teqred l-imħabba l-anqas dik midruba u mistħija).**

Is-sema niedi bi dmugħ imħabbitna
iċarċar mat-twieqi magħluqa
imtappna bin-nifs tal-għixien.
U fuq il-bjut l-antenni jtertru
mar-riħ li jkaxkar l-eku tal-imgħoddi
fil-karba bla tama.
Il-ħitan tas-sejjieħ għadhom niedja
bix-xita tal-bieraħ,
u t-toroq imxarrba w jiżolqu
illum ileqqu bħal xwabel tal-qedem
taħt xemx novembrina
li tidħol minn ħofor u xquq
iddawwal l-ilma ħadrani li nġabar
bl-isfura dgħajfa w mutraba
fejn l-għadam jitmermer.

Wara l-ħdura tas-siġar xitwin,
Qalb is-sħab li jinġema' mill-bogħod
bejn il-mewġ li jitħaxken mal-blat,
mal-arterji u l-vini tarjin,
fil-ħdura tal-fosfru ġo moħħi —
— ġo fija —
hemm INT
tgħatti b'żgħożitek
il-burraxka qalila
tal-ambizzjoni.

**RAYMOND MAHONEY**

---

# miraġġ

fuq it-triq bla serħan
bil-għatx
(bix-xemx issawwatni)
bil-ġuħ
(bil-mewt kullimkien
madwari)
rajt oażi:
u ġrejt lejha
ħerqan u ferħan
u qbiżt fl-ilma
u rqadt......
......qomt
qomt u sibt ruħi:
maħruq
bil-għatx
bir-ramel niexef ġo ħalqi

**TONY BORG BARTHET**

# MUNDLOS – *Vigorelli*

**TOPS**

**THE**

**LIST**



## *1st IN:*

- SINGLE AND DOUBLE HEMSTITCH
- ZIG - ZAG
- VARIOUS FANCY STITCHES UP TO 17 MM WIDE
- PIN TUCKS
- AUTOMATIC DARNING
- CORDING
- SEWING OF BUTTONS
- ALL SIZES OF BUTTON HOLES
- SEAM FINISHES
- PERFECT FINISHING ON ELASTIC & WOOL FABRICS

**COME AND SEE THESE WONDERFUL MODELS AT:—**

## MUNDLOS SEWING CENTRE

**114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA. TEL: 25317**

# NIFS TA' ĦAJJA

**KITBA TA' JOE A. GRIMA**

Il-ġurdiena ħarġet mit-toqba u ħarset madwarha. Rat dinja kbira, kbira, kbira — misteru mitluf fl-ispazju bla qies. Id-dalma kienet bla tmiem. Dalma li tinfetaħ u tibla' ġo fiha kollox. Id-dinja tagħha kienet dejjem mitlufa fid-dlam — id-dlam tal-lejl u d-dlam ta' darha mrekkna fl-imramma tal-ħajt jew f'xi xaqq bejn gozz ġebel. Id-dlam ta' l-oqbra u s-susa mudlama ta' zokk ta' siġra kienu l-għaliha isbaħ palazzi. Issa ħarġet tfittex il-kobor tad-dinja fl-għeluq ta' kamra mudlama.

Il-ġurdiena ħarset madwarha. — Ħasset weġgħa... u mbagħad weġgħa oħra... u weġgħa oħra. Ħarset imwerwra madwarha. Barxet l-art b'dufrejha u sabitha iebsa. Dawret rasha u ma ratx għajr dalma. L-uġigħ baqa' ġej, ma jieqaf xejn. Weġgħa oħra... weġgħa wara l-oħra... u weġgħa ikbar mill-weġgħa ta' qabilha. Ħassitha mitlufa fl-uġigħ u d-dwejjaq. Riedet teħles. Imma kien hemm wisgħa kbir wisq; il-vojt ta' madwarha kien bla tmiem. U baqgħet titkawweġ u ddur ma' l-art f'infern ta' uġigħ sa ma ntelqet, mifluġa, bla nifs, u karba twila, twerżiqa, daret fl-ispazju ta' madwarha... Imbagħad karba oħra... u karba oħra... u karba oħra... u mbagħad twerżiqa... bikja ċkejkna... u mal-krib tal-ġurdiena beda jinstema' t-twerżiq-biki ċkejken...

Id-destin tbissem u ċaqlaq driegħu u beda jħażżeż fil-vojt ta' madwaru. Beda jaqbeż, idur u jiddieħek fuq dell li ma kienx u kien. Mad-dawrien tas-sekondiera bdew jiżdiedu u jitkattru l-ħżuż sa ma tfassal misteru ieħor. — U kollox intilef f'dalma u d-destin reġa' ntelaq u ntefa' għaxi jistenna li jitqanqal mill-ġdid xi nifs ta' ħajja.

Il-ġurdiena kienet mitfugħa minn tulha fuq gozz suf li kienet qattgħet u ġabret u geddset f'rokna tat-toqba. Ħassitha kuntenta u riedet ittir bil-ferħ kull darba li tħosshom jiċċaqalqu taħtha. Ħassitha mkabbra u ħolmot illi d-dinja kollha kienet tagħha. Ma kien hemm xejn li xtaqet iktar minn dak li kellha. Niżżlet rasha fuq il-gozz tas-suf, intelqet ixxamplata... u raqdet!

---

Kull kitba għal din ir-rivista għandha tintbagħat lill-
**BORD EDITORJALI**
**''il-polz''**
**c/o f/2 "St. Philip" Vjal il-liċeo,**
**il-Ħamrun.**

## żgħozija

**(Lil Margaret)**

Nibki x'ħin iż-żmien
jagħfas bħal morsa

lejn triq ix-xogħol
fl-infern tal-irġulija.

Niftakar ħesrem

meta f'dawl għajnejk inħares

kemm tbahrid u hena rajna,
kemm bil-frugħa tal-ġejjieni

dħakna
u dħakna
u dħakna.

Għada le, maħbuba,
għada ninxteħtu f'saqqu ponot

bħall-indjani
nibku
u nibku
u nibku

sa ruħna ttir (???)
Żgħożija, żgħożija kif tliftek ma ndumx?
Żgħożija tabilħaqq l'int l-isbaħ żmien.

**CHARLES FLORES**

# WALLACE PH. GULIA

Dr. Wallace Gulia ftit li xejn għandu bżonn ta' introduzzjoni mal-qarrejja. Imwieled fl-4 ta' Marzu, 1926, Gulia, barra milli jżomm il-kariga għolja t'Avukat tal-Kuruna u "Lecturer" fil-Liġi Amministrattiva, iħaddem tajjeb il-pinna tiegħu fi proża u poeżija. Dr. Gulia huwa l-awtur tad-damma poetika li ħarġet mgħammda bl-isem ta' "L-Ewwel Għana", filwaqt li ħafna xogħolijiet oħra letterarji tiegħu huma mxerrdin f'għadd kbir ta' ġurnali u antoloġiji lokali. Il-poeżiji li qed inxandru, Wallace Gulia għaddihom esklussivament lill-Bord Editorjali tagħna għax-xandir fi "il-polz."

## il-bidu tax-xjuħija?

Il-lejla waqqa' fuqi t-toqol
tas-swied il-qalb muġugħ;
xħin fhimt illi ż-żgħożija kienet ħarbet
minn fuqi nkiss inkiss
u sibtni raġel xiħ, b'qalbi żagħżugħa...

Ħalliha tmur kemm trid u tgħib u taħrab,
kollox irid imur!
imma la tmur mhux sew li tħalli wrajha
qalb tħabbat kollha mxennqa għaż-
[żgħożija!

Kollox fid-dinja għandu tiegħu f'waqtu:
MHUX IR-REBBIEGĦA BISS ĦELWA
[W SABIĦA
Kollha kemm huma l-istaġuni għandhom
il-ġmiel u s-seħer tagħhom......
u kollha jridu jkunu......

L-imrar mhux li ż-żgħożija għabet......
li fix-xjuħija tibqa' tgħawwar aħrax
ix-xenqa tas-setgħat li kienu darba
u jkiddu 'l-ħsieb li kieku jixtieq jorqod
biex igħix ta' żmienu!

4/10/'67.

## "the wheel may turn full cycle"

Il-Ħajja:
daqqa bil-ħartiet, daqqa biż-żiżi......
(illum, għaż-żiżi ġiet!)
Għax hekk, imżewqa, sbejħa;
biex ma nixbgħux mill-ħawħ,
jagħtina l-bajtar ta' San Ġwann,
iħammar il-berquq,
u toħla l-frawli taħt l-ilsien......

Ħaġa marbuta m'oħra:
fl-ikrah, is-sabiħ;
fil-ħarta, ż-żiżi;
fil-qżież, is-safa;
InħalluH idawwarha Hu;
fin-newba tagħhom
kollha jiġu l-ħwejjeġ......
Kieku kollox ħarir, mhux aktar nies:
anġli jittajru fis-smewwiet......

Fil-liġi ta' kull bniedem hemm miktub
qabel it-twelid
pass pass il-ġrajja li mhejjija għalih:
tiżwieqa ta' pjaċiri u tislib,
ħartiet u żiżi......

Biex le taqta' qalbek
x'ħin dwarek il-muntanji jmejlu r-ras
u bħax-xita qliel jinżlu l-ħartiet,
ftakar fiż-żiżi li bla kont tistenna
fi żmienek għasel kienu
u meta taħbat taqta' qalbek
għax għat-tgħaffiġ tal-ħajja ma tiflaħx,
ftakar dikment,
li buffura riħ taf titla' l-ogħla qċaċet u ġġorr
[magħha l-itqal piż;
u għanni kburi l-għanja tar-Rġulija!

Għax inti Bniedem għandek dan il-wirt,
Idħak ferħan!
Agħmel li tista'!
la taqta' qalbek qatt!

27/6/'67.

Isimgħu "Jazz u Letteratura"

**Nofs siegħa mal-Moviment Qawmien Letterarju kull nhar ta' Tlieta fuq ir-Rediffusion fit-8.00 p.m.**



# KUMMENTARJU LETTERARJU

jikteb oliver friggieri

Wara li tajna xi idejiet ħfief dwar il-qagħda preżenti tal-letteratura tagħna, qagħda li hi ħajja iżda mhux artistika wisq, niddiskutu fuq fuq xi kunċetti li, barra li jagħtu ħjiel lil ħafna li l-letteratura mhix ċajta jew delizzju, igħinu wkoll biex ikollna idea aħjar tas-sublimità ta' l-arti, l-aktar tal-Poeżija. Jien inħoss li dan hu l-akbar bżonn tagħna bħal issa: idejiet ċari dwar x'inhi letteratura, minn fejn trid tibda u fejn trid tasal. Jekk naqraw il-paġni letterarji naraw biżżejjed dan li qed ngħid. (Il-qosor fl-ispazju jkollu jiddetermina ħafna dawn il-kummenti).

Sa issa l-istudjużi ta' l-estetika imxew fuq żewġ linji biex jaslu għall-"idea" ta' l-arti, dejjem b'riferenza intima għall-bniedem-artist. Imxew fuq l-**osservazzjoni ta' l-oġġetti** u fuq l-**introspezzjoni**. Wara distinzjonijiet dwar sa fejn tasal l-interospezzjoni (u f'din id-distinzjoni joħorġu l-filosfi, ix-xjentisti, l-awturi tal-pulitika u oħrajn li jipproduċu), ħarġet l-idea li, waqt li għal dawn in-nies li semmejna l-ħsieb u l-volonta huma kollox, il-ħolqien artistiku jinbena fuq attivita differenti, għalkemm mhux indipendenti minn dawn: l-**immaġinazzjoni** jew fantasija. Niftehmu. Mhix dik l-immaġinazzjoni li biha nifhmu ħarba mir-rejaltà, jew logħob bil-fantasija. Hija dik l-immaġinazzjoni li ma taħrabx l-osservazzjoni ta' l-oġġetti li semmejna, iżda tidħol fil-qalba tagħhom, u tagħraf fihom xi aspett li jaqbel mal-mod kif jaħseb l-artist li jkun. Hawn jidher il-kobor ta' l-artist, u jidher ukoll il-fatt kemm mhux faċli li ddaħħal awtur jew kull artist ieħor fi skola jew ġeneru determinat. B'dan il-mod l-artist jagħraf dak li fir-rejaltà ma jidhirx quddiem ir-raġuni: u għalhekk il-bniedem li joħloq hu xi ħaġa iżjed minn bniedem komuni. L-esperjenza tagħna tibda, kif nafu, mis-sensi. Waqt li bniedem komuni jaf jibqa' passiv quddiem din l-esperjenza, l-immaġinazzjoni artistika toħloq sintesi ta' l-esperjenza tas-sensi.

Iżda fejn jidħol is-sentiment? Is-sentiment hu importanti, għallinqas biex igħolli l-arti f'livell ogħla mix-xjenza. Meta l-ħajja tal-bniedem tkun għadha ma laħqitx iċ-ċarezza li tagħtiha l-immaġinazzjoni, għaliex tkun għadha, kif semmejna, fid-dinja tas-sensi, u tkun f'kuntatt immedjat ma' l-oġġetti, il-bniedem ikun għadu jgħix biss il-ħajja tas-sensazzjoni. Dan l-istat passiv li hu komuni għall-bnedmin normali kollha ma jilħaqx livell artistiku. Il-bniedem artist imbagħad irid joħroġ mid-dinja tas-sensi (u hawn tidher id-differenza kbira bejn il-massa u l-artist), u jidħol fid-dinja ta' l-arti.

Dan l-aħħar punt nixtieq li napplikah għall-produzzjoni letterarja tagħna preżenti. L-akbar nuqqas tal-biċċa l-kbira minna qiegħed sewwa sew hawn: iż-żagħżugħ li jikteb ma jafx joħroġ, ħafna drabi, mid-dinja tas-sensi; jibqa' fiha u jikteb dawk il-ħsibijiet li jħoss. Ir-riżultat hu ċar: produzzjoni mingħajr valur artistiku. Irridu nifhmu li l-arti, anki f'dan il-livell elementari li qed insemmu, hi **esperjenza** ( u b'esperjenza ma nifhimx bil-fors fatti li tista' tiddefinihom). Meta l-bniedem jaf kif għandu juża l-esperjenza u **jbiddilha** f'ħaġa oħra singulari, l-arti tiegħu ma tistax ma tirnexxix.

Meta wieħed iżomm quddiemu ftit prinċipji bħal dawn, imqar dawn il-kundizzjonijiet elementari biss, wieħed faċli jaqbel miegħi li l-letteratura tagħna teħtieġ, imbarra l-ħidma mħeġġa, żgħażagħ serji li jafu xi jridu jagħmlu bl-immaġinazzjoni u l-kultura tagħhom. Imbagħad biss inkunu kapaċi nwarrbu l-ħafna produzzjoni fjakka li qed tmarrad il-letteratura tagħna bħal issa, u nittamaw futur aħjar. Jeħtieġ nifhmuha: hu fatt evidenti ħafna li l-letteratura mhix għadma għal idejn id-dilettanti. L-idejal tagħna mhux li nkunu prolifiċi iżda awtentiċi. U l-arti hi awtentika, kif rajna fil-kummenti tagħna.

# paġna ta' l-ilsna barranija

## amore

Amore,
Dolce ed eterea parola
Del tempo ormai passato,
Perchè, dimmi perchè
Non brami più
Nel mio cuore?
Perchè lasci che
Ti s'infanghi con le
Umani e materiali passioni?
Perchè lasci che
Ti si soffochi con
Gli odii e rancori?
Perchè soccombi
Ai laidi sentimenti
Che ci rendono infelici?
Perchè non risorgi
Dal tuo lungo letargo
Ed alberghi nei nostri cuori
Avidi, pigri, tetri, discordi
Di cui ne hanno tanto bisogno?
Mero e gaio sarà con te
Lo spirito di noi uomini,
Poveri mortali e legati a
Quel sottil filo che ci lega a Dio;
Per glorificare, apprezzare,
Aver timore, amare IDDIO
Che tanto soffre a causa
Dei nostri pensieri,
Delle nostre parole,
E delle nostre opere.

**ANGELO STIVALA**

---

## a wish

I dream of life in quiet vales
Where blossoms bloom spring on its way,
Where lovebirds twitter sprightful May.

Songs of girls with nosegays hued
And gay: dancing round and round
To music's sweet and gleeful sound.

I dream of lands where life is bright
Where joys and smiles and happiness
The lives of young and old caress;
I dream of Heaven's divine light.

For oft my loneliness I fade in dreams
By placid seas in summer nights
Wishfully I yearn at flittering lights.
Then lo...... alive again unreal it seems.

**J.A. CONSIGLIO.**

## tliet poeżiji ta' a.m. cassola

### IL POETA

Scrivere
e vivere,
pensare, sognare,
amare.
cessare,
morire.

### BIMBO MIO

Bimbo mio,
per me il mio mondo
angusto fu:
la donna mia:
gli altri miei,
e tu.

### IL MORTO

Schiudi la bara, schiudi,
o donna mia:
or son tranquillo.
A questo anelavo
tutta la vita mia.
T'ho amata più
di quanto creder
ti facevo.
Di dispiacerti omai
la gran paura cessa.
Ravvisami così:
buono e sereno.

---

## condition

Je vacille, entre les pages
du Futur désolant;
funébre est le chant
pour l'anéantissement de l'Age.

M'envahit le vertige
d'un abîme criminel;
je m'affaisse comme une sentinelle
poignardée, me demandant: "Que suis-je?"

Derniers plaisirs
d'un Menhir
aveugle.

**KARMENU MALLIA**

# FILMS MILL-
# MALTA UNITED FILM CORPORATION




Jidħlu minn 21 sena 'l fuq




Jidħlu minn 21 sena 'l fuq




Jidħlu minn 16-il sena 'l fuq




*STARRING*

| STEPHEN BOYD | ELKE SOMMER | MILTON BERLE | ELEANOR PARKER |
|---|---|---|---|

Jidħlu minn 21 sena 'l fuq




Jidħlu minn 21 sena 'l fuq




Jidħlu minn 16-il sena 'l fuq




Jidħlu minn 16-il sena 'l fuq

# RIFLESSJONI TA' MERA

ANTHONY MONTFORT

**LI KIEKU KIENU JAFU dak li naf jien, kieku kemm hawn min ikun jixtieq li seta' kien bħali! Kemm nara ġrajjiet quddiemi matul ħajti! Allaħares kelli lsien li bih stajt inlissen ftit minn dak li jitwettaq quddiemi, kieku ftit li xejn tara bħali. Kemm-il użu għandi jien, tajbin u ħżiena? Mijiet!**

Jiena mera kbira, sabiħa. Ninsab fis-sala fejn jiltaqa' l-Kunsill li jmexxi 'l-pajjiż. Ftit li xejn jagħtu każi, tal-preżenza siekta tiegħi. Mur għidilhom x'nisma' hawn ġew, x'nara kultant. Kemm qerq u ħabi jsir minn dawn in-nies li l-poplu injorant talla' biex jirrappreżentawh! Kemm konfoffi kontrieh stess jiġu msawwra u ppjanati biex jisirquh! Taħsibhom xi nies twajba, tar-ruħ, lesti biex igħinu 'l min hu fil-bżonn; tismagħhom dejjem jilmentaw, jiddiskutu, jiftaħru min minnhom l-aktar li hu lest biex itejjeb il-qagħda tal-poplu. U l-poplu bħall-imzazen jibla' kollox! Ibleh li hu. Mhux barra trid tarahom 'l dawn il-ħallelin, tradituri, parassiti tas-soċjetà; ejjew arawhom hawn, minn fejn qiegħda jien, isimgħuhom jgħidu min l-aktar kellu l-ħila jqarraq bil-poplu; hawn tridu tarawhom jixorbu bis-saħħa ta' l-injoranza ta' dawk li tellgħuhom fejn huma; bis-saħħa tagħhom! X'ħasra li rrid inqatta' ħajti kollni siekta.

Jiena mera oħra li tpoġġejt fil-kamra ta' tfajla, mara tista' ssejħilha, li għalkemm ippruvat kemm setgħet, baqgħet ma żżewġitx. Kemm riedet li bħal sħabha taqbad ma' ġuvni u flimkien igħajjxu familja. Kemm kienet troxx żebgħa u terer ma' wiċċha, xi fwejjaħ kienet tidlek ma' ġisimha biex tingħoġob, iżda mingħajr ebda riżultat. Kieku għadha bil-ħsieb li tingħaqad ma' xi ħadd iżda issa tard wisq. Ta' kuljum għadha tiġi quddiemi u bi swied ta' qalb tgħaddi s-sebgħa l-werrej minn fuq it-tikmix li beda jitfaċċa ma' wiċċha. Għalxejn tipprova tgħattihom bitterer, iddellek kremi w affarijiet oħra artifiċjali: la darba l-frotta tissewwes u titnawwar, l-ebda duwa ma tista' terġa' tirxoxtaha.

Ma nafx għalfejn, iżda jien tpoġġejt f'waħda mill-kmamar fis-sular ta' fuq ta' ħanut tax-xorb magħruf. Magħruf mhux għax hu lussuż, iżda għall-attivitajiet immorali li jsiru wara l-ħitan li jostruh. Ma tantx fini mit-tul, iżda naqdi l-ħtiġijiet ta' mara taddinja. Qabel kull att ta' mħabba superfiċjali, li din twettaq magħluqa f'dawn l-erba' ħitan, araha ġejja quddiemi tirranġa ruħha, tomxot u ddellek xagħarha, tinkesha bi fwieħa rħisa; tipprova kemm jista' jkun tkun attraenti, mixtieqa. Żmieni għamiltu sew imsakkra hawn ġew, l-istess kif din il-mara tal-pjaċir qattgħet tagħha.

**(Tissokta f'paġna 11)**

---

## ħati

Is-sliem tal-bidu;
Saltan f'ruħu —
L-Uman......
Adam sultan......
Mogħmi, libes il-ħtija
Li tnisslet ġod-demm......

Ulied
Bil-għaraq...... fid-dmugħ,
Bil-ġuħ...... bil-ġuħ għall-ħajja
Mitluqa f'magħluq ta' moħħ
Mix-xewk jafuh il-ħobż......

L-Uman —
Il-laħam għatxan
Għal "Jien Alla"
Mirdum mill-qilla
Ta' kobor it-telfa
Imħarsa mill-għajb.

Sbuħija
Il-ħtija;
Il-għerf ma kienx biżżejjed...
Xorob mill-vizzju......
Illum,
Għalkemm l-imgħoddi jafu
Xorta ħabbu
Id-demm ta' wild Adam,
U nesa li hu trab
U alla sar!......
Mirdum fil-vizzju
U alla sar!......
U alla sar!......
U nesa li hu trab......

**EMLE ATTARD**

# RIFLESSJONI TA' MERA

**(taqbad ma' paġna 10)**

Niftaħar li għandi ħila nara wkoll 'l hinn minn persunitha; naqra f'għajnejha, f'qalbha, l-imgħoddi tagħha, x'ġigħelha taqbad din il-professjoni tant antika! L-istess bħal binha ċkejken, twieldet f'atmosfera korrotta u għexet fiha. Għexet bogħod mis-sewwa, il-vera sewwa, mhix dik ippriedkata mill-ipokreti lebsin il-kostum ta' nies twajba. Għaddiet tfulitha u żogħżitha mkeċċija mill-poplu, mgħajjra, mżebilħa. In-nies ħarset lejha u tkażat; bħallikieku xi wieħed jew waħda minnhom seta' jitfa' l-ewwel ġebla! Ippruvat taħdem, taqla' l-għixien modestament, iżda le, dik kienet mara tad-dnub, imċappsa bil-ħażen. Ippruvat kieku... biss fl-aħħar sabet li l-'insara' kienu skarsaw. Għalhekk triq waħda biss kien għad fadal; it-triq id-dritta bil-fjur mfewwħa mal-ġnub......

Għandi x-xorti ngħid li jien... mera. Ngħammar f'palazz mas-sultan, is-sultana, l-prinċpijiet u s-servi. F'kelma waħda, jiena mera rjali! Mhux ta' b'xejn tlibbist b'dan l-ilbies fin indurat b'ħaġar prezzjuż. Jista' jonqos, meta tpoġġejt fil-kamra tas-sodda imperjali; kollox rikk hawn f'din is-sala; għaliex m'għandix inkun jien ukoll? Sal-bieraħ kien jirrenja skiet kbir hawn ġew, mal-palazz kollu biex inkun preċiża. Iżda t-tensjoni kollha laħqet il-quċċata tagħha u nfexxet f'ferħ kbir dal-għodu... l-eredi tat-tron kien twieled! X'pompa, x'ferħ, x'lussu. Il-mistednin kollha tkellmu b'eċitament kbir fuqhom, ħafna minnhom ferħu għax dlonk ftakru fil-festi kbar li kienu jixirqu lill-prinċep imwieled. Jien rajt kollox minn hawn, sa rajtu jitwieled! Smajt il-krib u l-uġigħ tas-sultana, imsejkna mara...... omm! Minn barra minni u minnha, jista' xi ħadd igħid x'ħasset sakemm tat frott ġufha lid-dinja? Waħdi kont hawn jien meta smajtha tingħi u tokrob; jien kont li smajtha tlissen xi kliem li ma tantx kien jiftiehem. Donni smajtha tlissen weħidha u tipprova tifhem x'kienet id-differenza bejnha u bejn l-ommijiet sudditi tagħha. Mhux mill-istess uġigħ għaddiet hi, mhux l-istess sofferenzi batiet daqs kull omm oħra li twelled? Kos, hu, lissnet bejnha u bejn ruħha, għaliex it-trabi rjali, jew aħjar l-ommijiet irjali, ma jinħelsux minn dawn it-tbatijiet? Huma ma kinux komuni, jew forsi hemm xi liġi tgħid li l-krejaturi taħt il-kappa tax-xemx huma kollha ndaqs?!

Mera mera fuq il-ħajt, min hu l-oħla fuq wiċċ l-art? Ma tweġibx! Niskanta għaliex......!

# ħajja jew mewt?

Għaddej mit-toroq mejta,
il-karru bit-tagħbija,
ta' min qalb it-tbatija,
radd ruħu lill-mejtin,
ta' dak li miel fil-pesta,
li ħanqet il-bnedmin.

Għaddej biex darb' għal dejjem,
joftomna mit-tifkira,
ta' ħajja vojta w fqira,
mitlufa ġewwa l-krib,
ta' min il-mewt jistenna,
biex jeħles mit-tiġrib.

Għaddej, 'mma l-iġsma bajda,
mibdula f'dud bil-pesta,
bla jafu b'dik il-festa,
li ssir 'il fuq fis-sebħ,
fejn l-erwieħ safja jgħannu,
kuljum l-innu tar-rebħ!

**CARMEL ATTARD**

---

# la tiktibx hekk

La tiktibx hekk!
Il-ħlewwa
ta' l-ilwien li darba
serqet il-friefet sa mill-ibgħad ġonna
la tarmihiex.

U l-melodija
ta' kitarri sofor
mimsusa biss mis-swaba'
li ma jmellsux ir-ram
anqas il-fidda......

il-melodija
li bħal żejt tissawwab
fuq il-pjagi
ta' umanità maħbuta......

il-melodija
tal-martell li jgħanni
fuq inkwina
kontra sfond iswed
fejn ħmura biss
qawwija
tmieri s-saltna tal-mewt......
il-melodija
la toħnoqhiex.
Imma fuq kollox
la toħnoqx 'l-Ispirtu.

**DUN LAWRENZ CACHIA**

# titjira kosmika

wañdi ntreñejt mitluq qalb l-imñaded tas-sufan.
minn kaxxa tad-diski tasal tliegñeb
ma' widnejja il-bewsa ta' vjolin klassiku
titñallat mal-ilma bl-L.S.D. li niżżilt
kwart' ilu.
ix-xemx qed tgñalli l-abjad t'gñajnejja.
id-dawl m'gñadux abjad — qed jinqasam
f'erbgña — le — f'sebgña — le — f'aktar —
f'elf lewn li qed jañbat 'il-wieñed ma' l-ieñor
bi ñsejjes vibranti li jsaññru.

din l-ixkora taqqlitli saqajja.
donnha mimlija biċ-ċomb — araw — saret blata.
trumbetti w vjolini kbar u żgñar
ñerġin mill-kaxxa tad-daqq
idoqqu bil-wajer ta' l-elettriku.
qalbi trid tiżfen u titbahrad
magñhom bil-ferñ.
aa-a-a-a-a-a-a-a- - -j ---jjj --m - m - m - a-a-a-a-a
nñossni bajda ñierġa minn tiġieġa — le — dik — dik —
m'hix bajda — dak jien qed niżloq 'il barra minn ġismi.
arloġġ ġganti jdur miegñi
jagñqad lura u 'l quddiem
qed jisbañ u jidlam malajr — bard u sñana bard u —

jien min jien? jien — il-J I E N qed jitfarrak.
hemm ara l-"J" weñidna: il-"I" u l-"E" — — le — — LE
dawk flimkien imwaññla dejjem ma' xulxin......
immla l-"N" weñidha bñal "J":
hawn univers sñiñ minnhom u jien
indur madwarhom b'ñeffa tad-dawl.
jien ċappa titriegñed b'nifs il-ñajja ntellaq mad-dawl
kulurit u nikber u nitriegñed u nitgñaxxaq u nikber
dejjem nikber.

ma nistax nikber iżjed......
qed nitgñattan mill-ñafna "J" "IE" u "N" ta' madwari
q-i-e-g-ñ-e-d n-i-t-f-a-r-r-a-k
u n-i-n-t-a-ñ-a-n......

GAETANO GRECH.